**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn 11 ta’ Marzu 2002**

**Numru**

**Avviz numru 2020/01**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Spinola Development Company Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ Lm138.00 (mija u tmienja u tletin lira Maltin) rapprezentanti prezz ta’ diversi servizzi ta’ approvazzjoni ta‘ tip dwar it-taghmir tat-telekommunikazzjonijiet bejn it-3 ta’ Settembru 1998 u t-30 ta’ April 2001.

Is-socjeta konvenuta naqset li thallas is-somma ta' Lm138.00 (mija u tmienja u tletin lira Maltin) minnha dovuta tas-servizzi fuq imsemmija, skond il-Ligi (Avvizi Legali 219 u 220 ta' l-1998), u dan nonostante li giet interpellata taghmel dan permezz ta' ittra ufficjali.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata ta' 19 ta' Dicembru, 2001 u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta konvenuta baqghet ma ipprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil PL Noel Scerri jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' Lm138.00 (mija u tmienja u tletin lira Maltin) rapprezentanti prezz ta' diversi servizzi ta' approvazzjoni.  Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**